**PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**Imhallef**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 10 ta’ Jannar, 2000, fil-11 a.m.**

**Referenza Kost. Nru: 626/97 VDG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sharon Zammit)**

**v.**

**Nicholas Gatt u**
**b’digriet tat-12 ta’ Marzu, 1999**
**giet imsejjha fil-kawza l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar.**

Il-Qorti:

Dan huwa provvediment li qed jinghata fir-rigward tal-punt sollevat mill-Qorti *ex officio* fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru, 1999. F’dik l-udjenza din il-Qorti osservat li kienet giet infurmata, u kien del resto jidher ukoll mill-kopja tal-verbali li kellha quddiemha (u li qed jigu annessi ma’ dan il-provvediment), li l-appell kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt” kien gie dikjarat dezert mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-3 ta’ Settembru, 1998. F’dik l-udjenza, il-Qorti ddiferriet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-16 ta’ Dicembru, 1999, u issa tinsab f’posizzjoni li tipprovdi dwar is-sitwazzjoni li inholqot bid-dezerzjoni msemmija.

Il-kronologija tal-fatti kienet is-segwenti: b’digriet taghha tad-19 ta’ Dicembru, 1997, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali baghtet quddiem din il-Qorti (il-Prim Awla tal-Qorti Civili) il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-appellant Nicholas Gatt. Fl-istess udjenza dik il-Qorti (ta’ l-Appell Kriminali) iddifferiet l-appell ghat-23 ta’ Frar, 1998. B’ordni tat-12 ta’ Marzu, 1998 l-appell gie differit ghall-20 ta’ Marzu, 1998; u fl-20 ta’ Marzu, 1998 gie differit in kamera ghad-29 ta’ Mejju, 1998 u wara ghall-10 ta’ Gunju,1998. Mill-verbali msemmija jirrisulta li fl-10 ta’ Gunju, 1998 l-appellant Nicholas Gatt rega’ deher quddiem dik il-Qorti; dik il-Qorti kienet giet infurmata li r-referenza, ossia il-

kwistjoni, kostituzzjonali kienet ghadha ma gietx deciza[1] u l-appell gie diffrerit ghas-6 ta' Lulju, 1998. Fis-6 ta' Lulju, 1998, Nicholas Gatt rega' deher, bhala appellant, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali; dik il-Qorti regghet iddifferiet l-appell ghat-3 ta' Settembru, 1998. Fit-3 ta' Settembru, 1998 Nicholas Gatt ma deherx u l-appell tieghu gie dikjarat dezert. Ma jirrisultax li hu talab ir-riappuntament ta' dana l-appell fiz-zmien u bil-modalita` msemmija fl-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk il-posizzjoni llum hi li ma ghadx hemm kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt". Tigi ghalhekk nieqsa l-bazi guridika ghar-referenza kostituzzjonali ghax, irrispettivament minn dak li tista' tiddeciedi din il-Qorti (cioe` l-Prim Awla) dwar il-kwistjoni originarjament imqanqla minn Nicholas Gatt, ma hemmx kawza li fiha d-decizzjoni tal-Prim Awla tista' tigi attwata fis-sens kif mahsub fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Isegwi ghalhekk li jkun inutili u semplici ezercizzju akkademiku li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dwar il-kwistjoni originarjament mibghuta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Konsegwentement din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni.

L-ispejjez, jekk hemm, ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Reg.

[1] Fil-fatt il-kwistjoni kienet tinsab quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fuq appell ta' Nicholas Gatt minn digriet ta' din il-Qorti – i.e. tal-Prim Awla – tal-31 ta' Dicembru, 1997 li permezz tieghu kienet cahdet talba ghall-kjamata in kawza ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar; id-decizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan id-digriet inghatat fit-13 ta' Jannar, 1999.